# Il-Ħadd 01.11.2015

1. It-Tnejn 2/11, **L-Għid tal-Imwiet** - Nitolbu għal ħutna l-mejtin:-
   - Filgħodu: Fis-7:00am - Quddiesa; fis-7:30am - Rużarju; u fit-7:45am - Quddiesa;
     Filgħaxija: Fis-6:30pm - Quddiesa li fiha niftakru f'ħutna (familjari u parruċċani) b'mod partikulari li mietu matul din is-sena.
   - ***Matul dan ix-xahar tistgħu tiġu wkoll l-Uffiċċju Parrokkjali biex toffru l-intenzjonijiet tal-Quddies għas-Sena 2016 b'suffraġju għall-familjari, qraba, u ħbieb mejtin tagħkom.***
   - ***F'Novembru, iċ-ċimiterju jkun miftuħ kuljum mit-8:00am sal-5:00pm.***
   - ***Fir-rigward taċ-ċimiterju, matul din is-sena ssewwew il-holders u l-bozoz ta' fuq l-oqbra għal diversi drabi, saret it-tiswija tal-Sistema tal-Cameras tas-Sigurtà, inxtraw is-Siġġijiet il-ġodda, u ser tibda it-tiswija tal-bieb prinċipali tal-kappella. Dan apparti il-manutenzjoni li saret meta kien hemm bżonn. Għaldaqstant nappella u nafda fil-ġenerożità tagħkom biex mhux biss nieħdu ħsieb id-donazzjoni għall-konsum tad-dawl u l-ilma, imma wkoll nagħtu donazzjoni biex inkunu nistgħu nifdu dawn l-ispejjeż (€ 2,300) u nkomplu bil-manutenzjoni li jenħtieġ.***

2. It-Tlieta 3/11:-
   - **Ħarġa għall-Abbatini**: Fit-8:30am nitilqu minn fejn il-knisja u nkunu lura għas-2:00pm.

3. Il-Ħamis 5/11, **Jum ta' Talb għall-Vokazzjonijiet fis-Seminarju tal-Virtù, r-Rabat**:
   - Bħala parroċċa mistednin nattendu u nieħdu sehem filgħaxija.
     Fil-5:40pm - Nitilqu lejn is-Seminarju. – Fis-6:30pm - Adorazzjoni mas-Seminaristi.
     Fis-7:15pm - Niċċelebraw il-Quddiesa. – Inkunu lura għall-ħabta tat-8:30pm.
     Min jixtieq jiġi jinkiteb fis-sagristija minħabba t-trasport.

4. Il-Ġimgħa 6/11, **l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm ikun hawn konfessur għall-Qrar.
   - Wara l-Quddiesa tas-6:30pm ikollna nofs siegħa Adorazzjoni.

5. Il-Ħadd 8/11:-
   - Fl-4:00pm - Quddiesa fiċ-ċimiterju li fiha jsir it-tberik tal-oqbra.

6. It-Tlieta 10/11:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa: Inżuru l-knisja tal-Baħrija fejn ikollna Quddiesa u wara tombla u ikla f'restaurant l-Imġarr. Tluq fid-8:45am u nkunu lura għas-1:30pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.

7. Avviżi oħra:
   - Wasal id-DVD marbut mal-Festa li kellna din is-sena u l-proċess tar-restawr tal-istatwa ta' San Pawl. Dawk li kienu bbukkjaw, kif ukoll dawk li jitħajjru jakkwistawh, mitlubin jikkuntattjaw lill-Kappillan mill-aktar fis.

8. Matul din il-ġimgħa daħlu:-
   - € 1,373 bħala donazzjonijiet b'risq il-Missjoni li nġabru mill-envelopes;
   - € 223 mill-Bazaar li sar b'risq il-Missjoni. Grazzi.